MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 31

13 ta' Jannar 2015

Minuti tas-seduta Nru. 31 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 13 ta' Jannar 2015.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li talab jiġi skużat permezz ta' imejl datat 13 ta' Jannar 2015, minħabba raġunijiet ta' xogħol. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 8.8 **(Ref: F/1/26)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

> *"8.8. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk huwiex possibbli li l-cabling isir taħt l-art biex jiġi eliminati dak eżistenti mal-ħitan. Il-Kunsill ma laqax din il-proposta peress li l-lampi ornamentali ma jistgħux jiġu fuq l-arbli u għalhekk xorta waħda jridu jibqgħu mwaħħla mal-ħitan, u anke minħabba li l-ispiża tiġi ferm għola. Il-Kunsill laqa' il-proposta skont il-minuta 8.7.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti bl-emenda mressqa u għaldaqstant is-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Parteċipazzjoni fl-avveniment "Bethlehem f'Għajnsielem" (A/5/5/Vol VII)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-avvenimenti marbuta mal-vjaġġ tal-Maġi kienu pożittivi ħafna, kemm fil-parti li saret fil-Ġermanja, kif ukoll f'dik li żvolġiet f'Malta u Għawdex. Is-Sur J. Buttigieg faħħar l-akkoljenza li ntweriet min-naħa tas-Sindku ta' Adenau - Arnold Hoffmann – kif ukoll mill-Arċisqof ta' Cologne – il-Kardinal Rainer Maria Woelki. Huwa qal li t-tluq tal-Maġi mill-katidral ta' Cologne sar waqt funzjoni li bdiet b'purċissjoni tat-tfal lebsin il-kostumi li mxew fit-triq lejn l-istess katidral, fejn kien hemm attendenza qawwija u fejn ukoll Malta ngħatat pubbliċita` tajba, kemm ma' min kien preżenti kif ukoll fuq il-mezzi tax-xandir reġjonali. Is-Sur J. Buttigieg

qal li huwa rringrazzja personalment lis-Sindku A. Hoffmann għall-ospitalita` murija lill-grupp ta' tnax-il persuna Maltija li kienu fil-Ġermanja bejn l-1 u t-3 ta' Jannar 2015. Il-Viċi Sindku ta' Għajnsielem is-Sur Franco Ciangura u l-Ministru għal Għawdex l-Onor Anton Refalo għamlu l-istess f'isem il-kumplament tal-grupp.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-fatt li l-Fjamma tal-Paċi li kellha takkumpanja lill-Maġi ma kinitx parti mill-vjaġġ simboliku tagħhom f'Malta, peress li l-iScouts Taljani ma ġewx f'Malta. Huwa ppropona li għall-edizzjoni li jmiss ikun hemm numru ta' tfal lebsin il-kostum tal-epoka sabiex jieħdu sehem fiċ-ċerimonja li ssir fil-Mellieħa.

2.1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jsir kuntatt mal-Kappillan bil-għan li ssir ċerimonja fil-Knisja Parrokkjali waqt il-waqfa tal-Maġi fil-Mellieħa.

2.1.5. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa fil-minuti 2.1.3. u 2.1.4 aktar 'il fuq.

## 2.2.1. Attivita` tal-Ewwel tas-Sena 2015 (A/5/3/7)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-konferenza stampa dwar l-attivita` t'hawn fuq, li ngħatat fit-30 ta' Diċembru 2014 li kienet indirizzata mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor. S. Buontempo, is-Sindku J. Buttigieg u minnu. Huwa qal li kelliem ieħor kien is-Sur Andrew Farrugia li kkordina flimkien mal-Kunsill tal-Mellieħa ċ-*Chocolate Event* li sar Dubai f'Novembru 2014.

2.2.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li minkejja l-kesħa fil-lejl tal-ewwel tas-sena, fortunatament m'għamlitx xita u riħ, u għaldaqstant il-konkorrenza tan-nies kienet tajba ħafna. Dan meta wieħed iqis li saret għall-ewwel darba u ħafna nies ikunu mpenjati f'attivitajiet familjari u soċjali. Ġie nnutat ukoll li l-istabbilimenti tal-Mellieħa ngħatatilhom opportunita` li żiditilhom il-kummerċ, u fil-fatt kien hemm uħud li anke qattgħu l-lejl fil-lukandi.

2.2.4. Is-Sindku qal li jrid jifraħ lis-Sur C. Bartolo għall-impenn tiegħu biex din l-attivita` kienet suċċess, minkejja li kienet qed issir għall-ewwel darba. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li bla dubju għandha ssir sena oħra. Huwa qal li għandhom jinstabu mezzi kif titnaqqas l-ispiża fuq ir-riklamar b'mezzi oħra, filwaqt li jinġieb finanzjament minn entitajiet kummerċjali apparti minn dak li jingħata mill-Gvern permezz tal-Iskema dwar Inizjattivi Kulturali.

2.2.5. Il-Kunsillier J. Gauci, qal li jixtieq jagħmel punt dwar il-palk li ntrama ma kellux puġġaman mat-taraġ li kellu miegħu u għalhekk kien perikoluż. Huwa rrakkomanda li dan l-aspett għandu jingħata attenzjoni f'attivitajiet simili minħabba l-konsegwenzi li jista' ikun hemm.

2.2.6. Il-Kunsill innota l-punti mqajma.

## 2.3.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2015 (A/5/3/1/Vol XIV)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1 tas-seduta ta' qabel u ppropona li l-għaqdiet tal-Mellieħa għandhom jiġu nfurmati li Jum il-Kunsill ser isir nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju 2015 parti mill-Iljieli Melleħin. Huwa rrakkomanda wkoll li għandu jerġa' jiltaqa' il-Kumitat dwar ir-Reviżjoni tal-Kriterji sabiex ikompli x-xogħol tiegħu, skont kif ġie deċiż fil-laqgħa tal-istess kumitat tat-3 ta' Jannar 2014.

2.3.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa mis-Sur J. Buttigieg.

## 2.4.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet lill-Kunsill li kien hemm 71 persuna li attendew għal ħarġa taċ-ċirklu ġewwa l-Marsa, Hija qalet li dan in-numru kien jirrikjedi l-kiri ta' *coach* u *minibus* li swew €95 u €45, rispettivament. Hija pproponiet li l-ħarġa li jmiss tkun għaċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK) f'Birkirkara, fejn infetħet attrazzjoni ġdida li hija dukodrama dwar in-Nawfraġju *(The Shipwreck)* u l-miġja ta' San Pawl f'Malta.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta dwar il-ħarġa li jmiss.

**2.5.1. Lezzjonijiet taż-żfin (E/3/18)**

2.5.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-istudenti li qed jattendu l-lezzjonijiet imsemmija ddeċidew li jibqgħu jużaw is-sala tal-Kunsill, minħabba l-ispiża addizzjonali nvoluta kemm-il darba tintuża s-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Proġett *"Bringing the EU Closer to the Local Communities"* (P/10/24)**

2.6.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 13.2. tas-seduta ta' qabel u qal li jixtieq ifakkar illi ġiet sottomessa talba lill-Kumitat dwar il-Kofinanzjament ta' Proġetti tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, għall-irkupru ta' €18,054. Huwa qal ukoll li l-proġett kollu sewa €34,240, filwaqt li €13,000 biss ġew irkuprati mill-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* tal-Unjoni Ewropea taħt il-programm *Europe for Citizens*.

2.6.3. Is-Segretarju qal li skont il-proċedura, il-Kumitat se jgħaddi t-test tal-ftehim li jirregola l-imsemmija għotja.

2.6.4. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-imsemmi ftehim meta dan jiġi mgħoddi u moqri minnhom.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 06/01/15;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/12/14 – 08/01/15;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 29/11/14 – 30/12/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Estimi 2015 – It-Tielet Abbozz.

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Skema dwar proġetti kapitali fil-lokalitajiet (F/1/7/Vol III)**

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Jannar 2015, mibgħuta mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali fejn ħabbar li twaqqaf Bord tal-Għażla fi ħdan il-Ministeru biex jevalwa l-pjanijiet kapitali tal-Kunsilli Lokali b'mod ħollistiku qabel isir id-deċiżjoni dwar l-involviment finanzjarju fihom mill-Gvern Ċentrali. Fl-istess ittra intqal li twaqqaf fond għal dan l-iskop u huwa mistenni li l-proġetti ta' suċċess jipprovdu kontribut finanzjarju annwali lil dan il-fond għal żmien definit ta' snin, biex hekk jassisti l-finanzjament ta' proġetti futuri. Għaldaqstant il-Gvern qiegħed jitlob lill-Kunsilli Lokali biex jissottomettu proposti dettaljati għall-proġetti kapitali l-aktar urġenti fil-lokalita` tagħhom sabiex jassistu l-Gvern fl-ippjanar finanzjarju tiegħu. Proġett ikun eliġibbli għall-evalwazzjoni anke jekk ikun fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea, jew jekk diġa mibdi.

4.1.3. Ġie spjegat li fl-istadju ta' evalwazzjoni, ser tingħata konsidrazzjoni lil dawk l-inizjattivi li b'suċċess jirnexxielhom jikkontribwixxu ritorn finanzjarju. Fil-proposti tagħhom, il-Kunsilli Lokali qed jiġu mħeġġa biex jindikaw forom differenti ta' mekkaniżmi ta' finanzjament, bħal *public private partnerships*, donazzjonijiet u *sponsorships*, li jistgħu jeżistu flimkien mal-finanzjament li se jkun disponibbli mill-Gvern Ċentrali. Il-Bord tal-Għażla ser jagħti konsiderazzjoni lill-fatturi segwenti:

(a) Il-valur miżjud tal-proġett għal-lokalita`;

(b) L-involviment tas-settur privat fit-twettiq tal-proġett kapitali;

(c) Il-kontribut finanzjarju li ser iħalli lill-fond;

(d) Kif il-proġett ser jindirizza l-miżuri tal-Gvern;

(e) Is-sostenibilita` ta' dan il-proġett; u

(f) Il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

4.1.4. Is-Sindku qal li f'laqgħa li ssejħet mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor. Stefan Buontempo – fit-8 ta' Jannar 2015, tħabbar li l-vot allokat għal din l-iskema huwa ta' €1,000,000. Huwa għarraf ukoll li s-sottomissjonijiet għandhom jsiru sat-30 ta' Jannar 2015.

4.1.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li fil-ftit żmien li ngħata mhux ser ikun possibbli l-applikazzjonijiet jinkludu aspetti li jinvolvu s-settur privat, flimkien mal-kontribut finanzjarju li l-proġetti proposti ser iħallu fil-fond li ser jitwaqqaf mil-Gvern. Minkejja dan, kien hemm qbil li għandhom jiġu sottomessi il-proġetti dwar il-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni u tal-Ġnien Pubbliku fiż-żona ta' Mellieħa Heights.

### 4.2.1. Servizz dwar ġbir tal-ħġieġ bieb-bieb (K/6/11)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Jannar 2015, fejn Green MT Ltd għarfet li b'effett minn Frar 2015, kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar ser tibda tiġbor il-ħġieġ bieb bieb. Dan sabiex jitnaqqas l-ammont ta' ħġieġ li qed jintrema fil-borża s-sewda. Aktar dettalji ser jingħataw waqt konferenza stampa fis-16 ta' Jannar 2015, f'Marsascala fis-1.00pm.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li wara l-konferenza stampa għandhom jinstabu l-aħjar mezzi biex ir-residenti jsiru jafu b'dan is-servizz, sakemm Green MT Ltd mhux ser tniedi pubbliċita` min-naħa tagħha.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Diċembru 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda tal-pagamenti li tkopri bejn il-5 u s-27 ta' Diċembru 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

### 7.1. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill 2015 (F/1/26)

7.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 8.3. tas-seduta preċedenti fejn kien hemm qbil li l-vot 3370 tal-Attivitajiet Kulturali għandu jonqos b'€25,000, minn €114,129 għal €90,000. Is-Sur C. Debono talab lill-Kunsill jiddeċiedi kif ser isir l-aġġustament tal-vot dwar l-Attivitajiet Kulturali biex jirrifletti l-vot kif ġie mnaqqas.

7.3. Is-Sindku qal li l-ammont allokat għall-Avveniment tal-Ewwel tas-Sena għandu jiġi mnaqqas għal €24,000.

7.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li diffiċli wieħed jagħmel tnaqqis fuq xi attivita` jew oħra u għalhekk għandhom jittieħdu €10,000 mis-somma ta' kontinġenza li hemm fl-abbozz tal-estimi, biex b'hekk il-vot 3370 jonqos b'€10,000 biss.

7.5. Fid-dawl tad-diskussjoni li żvolġiet, il-Kunsill iddeċieda li l-vot 3370 għandu jammonta għal €104,129 u jkun imqassam fuq l-attivitajiet indikati hawn taħt:

| **Attivita`** | **Estimu (€)** |
|---|---|
| Servizzi mitluba mill-għaqdiet mużikali | 6,375 |
| Attivitajiet organizzati flimkien ma' għaqdiet oħra | 6,000 |
| Jum l-Omm | 1,000 |
| Jum l-Ambjent | 1,500 |
| Festa' ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ | 3,500 |
| *Car Free Day* | 1,000 |
| Festival Internazzjonali tal-Mużika | 11,000 |

| | |
|---|---|
| Iljieli Melleħin | 23,000 |
| L-Ewwel tas-Sena | 24,000 |
| Jum il-Kunsill | 9,000 |
| Attivita` tal-Epifanija | 1,700 |
| Attivita` dwar l-Apprezzament tal-Annimali | 1,000 |
| Attivitajiet – Arti fil-Misraħ | 2,500 |
| Attivitajiet li jsiru ta' darba | 5,000 |
| Tiżjin ta' toroq fl-okkażjoni tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena | 10,054 |
| **Total** | **104,129** |

**8.1. Skambji kulturali mal-Comune di Acquaviva delle Fonti (K/1/5/1/Vol III)**

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fil-5 ta' Jannar 2015 saret laqgħa mal-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial, li attenda għaliha s-Sindku ta' Aquaviva delle Fonti, Davide Carlucci, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, flimkien miegħu. Fl-istess laqgħa saret proposta sabiex il-Banda Imperial tagħti kunċerti f'Aquaviva delle Fonti u lokalitajiet oħra fil-madwar. Ġew mistħarġa l-possibilitajiet li ż-żjara ssir f'Mejju jew f'Ottubru, meta l-banda ma tkunx daqshekk inpenjata. Billi hemm numru sostanzjali ta' bandisti li jkunu npenjati bl-eżamijiet, jidher li f'Mejju ser tkun problema u għalhekk il-Kumitat kien ser jiddiskuti li ż-żjara ssir f'Ottubru 2015. Ġew diskussi il-faċilitajiet tal-akkomodazzjoni li jeżistu f'Aquaviva, fejn is-Sindku Carlucci spjega li jeżistu ħames stabbilimenti żgħar li lkoll huma ċentrali u jinsabu ftit passi bogħod mill-pjazza ewlenija tal-istess lokal. Is-Sur C. Bartolo qal li l-intenzjoni tal-Kumitat kienet għadha mhux magħrufa.

8.3. Is-Segretarju qal li aktar kmieni filgħodu saret laqgħa mas-Sindku J. Buttigieg u s-Sur Carlucci, fejn ġie stabbilit li l-Comune ta' Aquaviva delle Fonti jkun dispost li jagħmel tajjeb għat-trasport bejn l-ajruport ta' Bari u lura, filwaqt li l-vjaġġi l-oħra jridu jkopruhom il-bandisti u min ikun qed jakkumpanjahom.

8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**9.1. *Chairman* tal-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

9.2. Is-Sindku aċċenna li l-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima ħatar lis-Sur Sammy Vella bħala *chairman* tal-Bord Maniġerjali tal-Park tal-Majjistral.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. Laqgħa mal-Pulizija tad-Distrett (P/9/Vol III)**

10.2. Is-Sindku għarraf li is-Supretendent tal-Pulzija Martin Bayliss wera x-xewqa li jiltaqa' mal-Kunsill kollu.

10.3. Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha ssir fis-6.00pm fl-istess data meta jaġġorna l-Kunsill għas-seduta li jmiss.

**11.1. Tabelli fl-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)**

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li jsiru żewġ tabelli fl-*area* tal-Għajn tal-Mellieħa sabiex il-pubbliku jkun mgħarraf li l-passaġġ illi hemm ma jinfidx min-naħa għall-oħra, kif kien qabel. Huwa ppropona wkoll li jkun hemm tabella bl-isem tal-post. Dwar tal-ewwel, is-Sur C. Bartolo ppropona li jinkitbu l-kliem "*No Access to Main Road*".

11.3. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment.

**12.1. Monument fi Ġnien Dun Anton Debono (P/4/24)**

12.2. Is-Sindku għarraf li sarlu suġġeriment sabiex jitwaqqaf bust ta' Dun Anton Debono fil-post fejn kien hemm il-funtana fil-ġnien li jġib l-istess isem.

12.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta li jsir bust tal-bronż u għalhekk ġie deċiż li l-ewwel pass għandu jkun li jsir disinn sabiex tkun tista' issir sejħa għall-offerti li tipprovdi għall-bini tal-pedestal flimkien ma' bust tal-bronż.

**13.1. Rijabilitazzjoni tal-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/Vol IV)**

13.2. Is-Sindku għarraf li l-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate kompliet bir-rijabilitazzjoni tal-wied imsemmi permezz ta' xogħol volontarju mill-membri tagħha, filimkien mal-Kunsill u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-President ta' Malta l-Eċċ Tagħha Marie Louise Coleiro ser iżżur il-post nhar is-Sibt 21 ta' Frar 2015

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol IV)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li kien hemm konkorrenza tajba għall-korsijiet imsemmija, tant li hemm lok ta' erba' klassijiet. Ser issir laqgħa għall-applikanti fis-sala tal-Iskola Primarja fl-20 ta' Frar 2015.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. Introduzzjoni ta' *cat cafe`* (A/9)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-kolonja tal-qtates li qed jieħdu ħsiebha xi residenti ta' Triq Salvu Camilleri quddiem id-daħla għall-Fortizza tas-Salib. Hija ssuġġeriet li ssir laqgħa għar-residenti, fejn il-Kunsill jipproponi li jipprovdi l-faċilitajiet sabiex isir cat cafe` li wara jkunu jistgħu jibqgħu jieħdu ħsiebhom l-istess residenti li huma nteressati f'din l-inizjattiva.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-konċentrazzjoni ta' residenti f'dik iż-żona ser tkompli tiżdied fil-futur qarib u għalhekk l-ilmenti dwar l-inkonvenjenzi normalment marbuta ma' qtates jiġġerrew barra tiżdied. Kien hemm qbil li jkun pass fid-direzzjoni t-tajba, kemm-il darba l-Kunsill ikun involut fit-tiswija *(neutering)* tal-qtates milli jidħol għal inizjattivi li jkabbru l-popolazzjoni tagħhom. L-istess posizzjoni għandha tittieħed fir-rigward ta' kolonji oħra li jeżistu fil-lokalita`.

**16.1. Prattika tal-*Cross Fit Sports* (P/4/6/1)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li hemm min huwa nteressat li jipprattika d-dixxiplina sportiva msemmija, bil-possibilta` li jintużaw id-*dressing rooms* fil-Park tal-Familja. Hija spjegat li dan jinvolvi t-tqandil ta' *weights* u għalhekk l-art tal-post fejn jintuża jeħtieġ li tiġi rinfurzata biex tkun tista' tieħu d-daqqiet relatati mal-waqgħa tal-istess *weights*.

16.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li m'ghandhom jsiru ebda modifikazzjonijiet strutturali fil-post.

**17.1. Ħarsien tal-qniefed (T/3/2/Vol XII)**

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li kif saru f'inħawi oħra, jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-preżenza tal-qniefed fi Triq il-Qammieħ, Triq l-Armier u fit-traversi li jaqbdu magħha.

17.3. Għalkemm jaqbel ma' inizjattivi ta' din ix-xorta, il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jintervjeni, peress li din hija inizjattiva meħuda minn Nature Trust.

**18.1. Arma fuq il-plier tal-Qammieħ (R/2/Vol II)**

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna li l-arma illi hemm fuq il-plier li jimmarka l-proprjeta` fi Triq il-Qammieħ, kantuniera ma' Triq il-Marfa, iddeterjorat u jeħtieġ li tiġi restawrata qabel ma tibqax tingħaraf.

18.3. Is-Sindku ppropona li ssir talba lit-Taqsima tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

### 19.1. *Speed hump* fi Triq il-Qammieħ (T/3/2/Vol XII)

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li saritlu talba sabiex issir *speed hump* fit-triq imsemmija minħabba sewqan b'veloċita` qawwija fil-parti ta' ġewwa tal-istess triq.

19.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandiex tiġi milqugħa peress li diġa jeżistu żewġ settijiet ta' *speed humps* qabel wieħed jasal għall-kurva tat-triq.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar 2015 fis-7.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**